**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ZGĦAR**

GUDIKATUR
DR JEAN PAUL GRECH LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, disgħa (9) ta' Frar 2023**

Kawza Numru: 4/2022 (JPG)

Elmo Insurance Limited (C-3500)

vs

Il-Ministeru ghal Ghawdex

- **<u>Decizjoni Preliminari dwar jekk il-Ministeru ta' Għawdex huwiex il-leġittimu Kontradittur</u>**

It-Tribunal

Ra l-avviz tal-attur ipprezentat fit-28 ta' Frar 2022 fejn ippremetta : -

> *"Illi is-socjeta' attrici Elmo Insurance Limited sborsat a favur tal-assikurat taghha Victor Cumbo s-somma komplessiva ta'seba' mija u sittin ewro (€760) rappresentanti l-ispejjes imgarrba in konnessjoni ma' incident illi sehh fis-7 ta' Awwissu 2019, fiz-zona ta' parkegg ta' Marsalforn, Ghawdex, meta waqt li l-assikurat tas-socjeta' attrici, Victor Cumbo, kellu l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JAB 018, appartjenenti lilu, ipparkjata fl-imsemmija zona, waqghet fergha ta'sigra fuq l-istess vettura li konsegwentement garrbet il-hsara.*

*Illi isegwi ghalhekk li l-Ministru konvenut kien unikament responsabbli ghall-imsemmi incident u ghal konsegwenzjali danni subiti mis-socjeta' attrici.*

*Illi permezz tal-ittra ufficjali taghha tat-12 ta' Ottubru 2020, is-socjeta' attrici interpellat lill-Ministeru konvenut sabiex ihallas dan l-ammont, izda huwa kkontesta responsabbilita' ghall-akkadut.*

*Illi ghalhekk kellhom jigu stitwiti l-proceduri odjerni.*

*Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Ottubru 2020, u bl-imghax legali b'effett mit-12 ta' Ottubru 2020 sad-data tal-pagament effetiv kontra l-Ministeru konvenut.*

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta li wiegbet: -

*Illi preliminarjament il-Ministeru ghal Ghawdex mhux il-legittimu kontradittur u dan ai terminu tal-artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-ligijiet ta' Malta;*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-pretensjonijiet tal-attur fil-konfront tal-esponenti huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt. Dan peress illi r-responsabbilita' tal-parkegg ta' Marsalforn, fil-limiti taz-Zebbug, Ghawdex ma taqghax taht il-Gvern Centrali imma taht dik tal-Kunsill Lokali taz-Zebbug f'Ghawdex;*

*Illi l-allegat incident in kwistjoni sehh unikament minhabba kaz fortuwitu jew forza magguri li ma setghax jigi prevenut;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti m'ghandux jinstab responsabbli ghal kwalunkwe danni li allegatament sofra l-attur.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tad-19 ta' Ottubru 2020.*

Ra l-atti kollha tal-process;

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Tatiane Scicluna Cassar li saret fis-seduta tas-sitta (6) ta' Dicembru 2022;

Ra dak verbalizzat mill-Avukat Dr Alessia Zammit McKeon fis-seduta tas-sbatax (17) ta' Jannar 2023 wara li t-Tribunal issospenda l-prolazzjoni tas-sentenza;

Ra d-digriet tal-istess Tribunal mogħti fis-seduta tas-sbatax (17) ta' Jannar 2023 fejn l-istess Tribunal laqa' t-talba tas-socjeta rikorrenti u awtorizza korrezzjoni fl-okkju fis-sens li dan jiġi jaqra *"Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex"* u dan kull fejn dan jirrikorri;

Ikkunsidra:

Illi l-artikolu 181B tal-Kap. 12 jistabilixxi li: *"Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni."*

Il-legali tal-intimat kellha raġun li tissolleva tali eccezzjoni stante li r-rapprezentanza legali tal-Ministeru għal Għawdex hija vestita fis-Segretarju Permanenti tal-istess Ministeru li prattikament huwa l-kap tac-civil fi ħdan l-istess Ministeru. Allura l-kawza kellha per forza tiġi indirizzata lis-Segretarju Permanenti fi ħdan l-istess Ministeru mhux kontra l-Ministeru għal Għawdex. Dan kellu jkun car għas-socjeta attrici anke mill-fatt li l-ittra responsiva spedita lis-socjeta attrici bħala risposta għall-ittra ufficjali tagħha intbagħtet għan-nom tas-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex.[1]

[1] Fol. 20 tal-process.

Din is-sitwazzjoni pero ġiet rettifikata bil-korrezzjoni li saret fl-aħħar seduta tas-sbatax (17) ta' Jannar 2023 fejn is-socjeta attrici talbet u ottjeniet korrezzjoni fl-okkju fis-sens li dan ġie jaqra *"Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex."* Fid-dawl ta' tali korrezzjoni għalhekk l-ewwel eccezzjoni ġiet prattikament sorvolata u ma baqax aktar skop għal tali eccezzjoni.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq premessi, it-Tribunal qiegħed jiċħad l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-intimat u jordna l-prosegwiment tal-kawza.

Spejjez ta' din l-eccezzjoni jibqgħu rizervati għall-ġudizzju finali.

(ft.) Dr. Jean Paul Grech
Gudikant

(ft.) Rebekah Mizzi
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur